Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 3/19

**Mary Muscat**

vs

**Lawrence Upholstery Cleaning – Lawrence Grech**

10 ta' Jannar, 2020.

1. **Din hija talba għall-ħlas ta' €1,200 rappreżentanti danni li sofriet l-attriċi riżultat ta' xogħol ta' tindif li għamel il-konvenut fuq is-sufan tagħha.**

2. Fit-28 ta' Jannar 2019 l-attriċi ppreżentat talba quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' **€1,200** rappreżentanti danni li tgħid li sofriet biex tagħmel tapizzerija ġdida wara li bix-xogħol ta' tindif li għamel il-konvenut fuq is-sufan tagħha, mhux talli t-tebgħa li kellha ma marritx, talli s-sufan spiċċa bi tbajja' ta' kuluri differenti.

3. Fit-28 ta' Frar 2019 il-konvenut wieġeb u ta l-verżjoni tiegħu tal-fatti.

4. Fis-26 ta' April 2019 it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi ċaħad it-talba tal-attriċi. Huwa osserva u kkonkluda hekk:

*"It-Tribunal jinnota illi huwa minnu li l-intimat naddaf it-tebgħa u naddaf iż-żona fejn kien hemm il-ħmieġ, pero` jirriżulta wkoll illi t-tebgħa baqgħet hemm. It-Tribunal, jinnota pero` li t-tebgħa kienet diġa hemm qabel ma sar l-intervent u ta l-flus lura lir-rikorrenti u r-rikorrenti aċċettat.*

***Għal dawn il-motivi:***

*It-Tribunal qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, stante li għalkemm l-intimat naddaf, it-tebgħa kienet hemm u baqgħet hemm anke wara, u hi aċċettat il-flus lura minħabba li ilmentat fuq ix-xogħol u bl-ispejjeż jiġu sopportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.*

5. L-attriċi ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni u għalhekk fis-16 ta' Mejju 2019 intavolat appell quddiem din il-qorti fejn talbitha tirrevoka, tannulla u tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal u tilqa' t-talba tagħha bl-ispejjeż kontra l-konvenut

appellat.

6. L-aggravji tal-attriċi huma s-segwenti:

(i) *It-Tribunal ibbaża s-sentenza fuq motiv grossolanament żbaljat illi "t-tebgħa kienet hemm u baqgħet hemm anke wara", meta t-tebgħa kkawżata bil-ħmieġ tal-qattus kienet il-punt tat-tluq li wassal lill-appellanti biex tfittex is-servizz tas-soċjeta` appellata. Di piu`, l-ilment tal-appellanti ma kienx biss li l-appellati ma kinux neħħew it-tebgħa, hekk kif reklamat fuq il-website 'Lawrence Sofa and Upholstery Cleaners' iżda bl-intervent tat-tindif tagħhom, id-drapp, sia tas-sufan, kif ukoll tal-pultruni, spiċċa tgħarraq irrimedjabilment. It-tebgħa fuq is-sufan kibret u d-drapp biddel il-lewn bi sfumatura ħadranija, inkluż fuq il-pultruni fejn ma kien hemm ebda tbajja' qabel, hekk kif jidher fir-ritratti annessi mal-proċess;*

(ii) *Illi d-deċiżjoni tat-Tribunal illediet b'mod gravi l-jeddijiet tal-appellanti stante illi, kif ritenut minn din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kawża* ***Stephen Psaila vs Crosscraft Co Ltd (App Ċiv. Nru 23/2009, deċiża 19/02/2010)****:*

> *"..il-ġustizzja sostantiva u l-ekwita` skont liema ried jiġi deċiż il-mertu [Artikolu 21(1) tal-Kapitolu 378] kellhom jipprestaw attenzjoni u anzi jiffokaw fuq id-dikjarazzjoni ta' prinċipji li jħarsu d-drittijiet u l-interessi tal-konsumaturi, kif artikolati fl-Artikolu 43 et seq tal-Att."*

*Fost dawn jeżisti l-prinċipju "li talbiet ġustifikati jiġu rranġati b'mod ġust inkluż il-kumpens adegwat għal rappreżentazzjoni ħażina, oġġetti diżutli jew servizzi mhux sodisfaċenti" [Art. 43(2)(f)]*

(iii) *Illi l-ammonti rappreżentanti spejjeż ta' drapp (€550) u xogħol ta' tapezzerija (€650) li tagħhom l-appellanti ppreżentat id-debita riċevuta u stima rispettivament, ma ġewx kontestati quddiem it-Tribunal u kien l-appellat Lawrence Grech innifsu li ssuġġerixxa numru ta' tapezzar biex ikun jista' jibdel id-drapp wara li l-appellanti ilmentat dwar ir-riżultat tax-xogħol tal-appellati;*

(iv) *Illi l-appellanti sofriet preġudizzju serju minħabba l-fatt li ma tqabbad l-ebda perit tekniku sabiex jeżamina kif sar ix-xogħol u n-ness li dan kellu mad-danni reklamat mill-appellanti. Għalkemm il-ħatra ta' espert mit-Tribunal hi fakoltattiva, f' dan il-każ tali ħatra kienet tkun opportuna stante illi d-dannu materjali kien wieħed sostanzjali, bi spiża żejda u imprevista ta' €1,200 wara li l-appellati ħallew is-sufan fi stat ferm agħar minn kif sabuh u għarrqu l-pultruni li ma kellhom l-ebda ħsara qabel.*

7. Fis-6 ta' Ġunju 2019 il-konvenut wieġeb biex jgħid għaliex l-appell tal-attriċi jimmerita li jiġi miċħud u s-sentenza kkonfermata.

**Konsiderazzjonijiet.**

8. Kif tajjeb ifakkar il-konvenut appellat fit-tweġiba għall-appell tal-attriċi, l-Artikolu 22 tal-Kap 378 (Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur) fis-sub-inċiżi (2) u (3) jagħmilha ċara illi appell minn deċiżjoni tat-Tribunal jista' jsir fis-segwenti każijiet biss:

*"(2) (a) fuq kull ħaġa li jkollha x' taqsam mal-**ġurisdizzjoni** tat-Tribunal; jew*

*(b) fuq kull kwistjoni ta' **preskrizzjoni;** jew*

*(c) meta t-Tribunal ikun mar **kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali** u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.*

*(3) Ikun hemm ukoll dritt ta' appell fil-każijiet kollha fejn l-ammont fil-kwistjoni, kalkolat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20(1)[1], **jaqbeż l-elf u mitejn euro.**"*

9. L-appell ma fihx kwistjonijiet dwar **preskrizzjon**i u lanqas dwar **ġurisdizzjoni.**

10. L-ammont in kwistjoni mhuwiex iktar minn €1,200, u għalhekk id-deċiżjoni tat-Tribunal ma tistax tiġi appellata fuq punt ta' fatt.

11. It-Tribunal ikkonkluda li s-sufan kien diġa mtebba' u t-tbajja hemm baqgħu. Għalhekk skont it-Tribunal id-difett kien jeżisti qabel sar ix-xogħol fuqu u baqa' hemm minkejja x-xogħol li għamel fuqu l-konvenut. Inoltre, l-konvenut ta lura l-ħlas li kien irċieva mingħand l-attriċi, ovvjament għaliex id-difett ma tneħħiex. Konklużjonijiet tat-Tribunal li huma kollha bażati fuq apprezzament ta' provi.

12. Mir-rikors tal-appell hu evidenti li l-attriċi ma taqbilx mar-raġunament tat-Tribunal għal dawk li għandhom x'jaqsmu mal-fatti.

13. Fl-ewwel aggravju ssostni li l-ilment tagħha kien li t-tbajja' fuq is-sufan ma tneħħewx u anzi bix-xogħol li għamel fuqu l-konvenut, żdiedu u s-sufan tgħarraq irrimedjabbilment. Qalet li t-tebgħa kibret u d-drapp biddel il-kulur. Ilment li bih l-attriċi qegħda ovvjament tistieden din il-Qorti sabiex tagħmel apprezzament tal-provi mill-ġdid u tasal għal konklużjoni differenti. Pero' dan l-aggravju hu bażat fuq punti ta' fatt, dwar liema mhemmx jedd ta' appell minħabba l-ammont in kwistjoni. Fir-rikors tal-appell l-attriċi ma qalet xejn li jista' jikkonvinċi mod ieħor lil din il-Qorti.

14. L-attriċi fit-tieni aggravju tilmenta li d-deċiżjoni tat-Tribunal "*illediet b'mod gravi il-jeddijiet tal-appellanti"* u fir-raba' aggravju tilmenta bil-fatt li t-Tribunal ma

[1] (minbarra l-imgħax u l-ispejjeż).

qabbadx perit tekniku biex jirrelata dwar in-"*ness*" bejn ix-xogħol li għamel il-konvenut u d-dannu rekat mill-attriċi. Mhux ċar jekk l-attriċi permezz ta' dawn l-aggravji hix qed tilmenta li t-Tribunal mar **<u>kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali</u>**. F'kwalunkwe każ, it-Tribunal ta lil kull parti l-opportunita' li tressaq il-provi u wasal għal konklużjoni tiegħu fuq il-provi. Il-provi kien jikkonsistu f'dak li xehedu ż-żewġ partijiet u ftit ritratti, li l-attriċi lanqas biss ma ndenjat ruħha li tispjega kull wieħed minnhom.

15. Fir-rikors tal-appell l-attriċi ma qalet xejn li jista' jikkonvinċi lil din il-qorti li interpretazzjoni żbaljata ta' fatti, kif allegat l-attriċi fir-rikors tal-appell, ifisser li t-Tribunal mar *"kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali"*.

16. Il-qorti żżid li mill-atti ma jirriżultax li waqt is-smiegħ tal-kawża quddiem it-Tribunal, l-attriċi talbet biex jinħatar perit tekniku. Għalhekk m'huwiex ġustifikat l-ilment tal-attriċi li sofriet preġudizzju serju minħabba l-fatt li t-Tribunal ma nkarigax perit tekniku sabiex jagħti opinjoni dwar il-kwalita' tax-xogħol li għamel il-konvenut. L-oneru tal-prova kien fuq l-attriċi. Jekk riedet tagħmel prova billi tressaq opinjoni teknika, dik il-prova kellha tagħmilha permezz ta' opinjoni *ex parte* jew billi tagħmel talba lit-Tribunal sabiex jinħatar perit tekniku u tagħti raġuni għalfejn. Il-fatt li t-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur ma inkarigax minn jeddu perit tekniku, ma jilledix l-prinċipju ta' ġustizzja naturali. Dan apparti li l-attriċi ma qalitx x'tip ta' perit tekniku kellu jiinħatar, u ma wrietx b'argumenti x'prova rilevanti setgħet issir bil-ħatra ta' perit tekniku. Mill-atti hu evidenti li t-Tribunal ta lil kull parti l-opportunita' li jressqu l-provi li riedu. Fl-atti tat-Tribunal m'hemmx ordnijiet tat-Tribunal li juru mod ieħor.

**Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell tal-attriċi, bl-ispejjeż kontriha.**

Anthony Ellul.